# IR-RABA' PARTI

## L-EWWEL SEZZJONI — QORTI KRIMINALI

**27 ta' Ġunju, 1957**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Ġanni Caruana

### Att tal-Akkuża — Nullità — Atti tal-Kumpilazzjoni — Korruzzjoni ta' Minorenni — Patrija Potestà — Kwerela — Art. 405 (5) u 217 (3) (c) tal-Kodiċi Kriminali

*L-eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża tikkonsisti fl-allegazzjoni da parti tal-akkużat ta' xi difett f'dak l-att; u għalhekk mhux biżżejjed, biex id-deċiżjoni ta' dik l-eċċezzjoni tiġi rimessa lill-Qorti komposta minn tliet Imħallfin, l-allegazzjoni ta' dan id-difett, imma hemm bżonn li l-Qorti komposta minn Imħallef wieħed tkun soddisfatta u persważa li l-allegat difett realment jeżisti almenu "prima facie"; b'mod li mhix suffiċjenti l-kwalifika tal-eċċezzjoni bħala waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża, imma hemm bżonn li tkun realment tali. U hija attribuzzjoni tal-Qorti komposta minn Imħallef wieħed li tindaga u tiddeċidi, għall-finijiet tar-remissjoni tal-kawża quddiem il-Qorti Kolleġjali, jekk eċċezzjoni preliminari kwalifikata mill-akkużat bħala waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża hijiex verament tali.*

*Għaldaqstant, fil-każ li l-akkuża tkun ta' korruzzjoni ta' minorenni kommessa minn missier b'abbuż tal-patrija potestà, jekk l-akkużat allega li l-att tal-akkuża huwa null, mhux mħabba xi difett kif inhu konċepit*

*u redatt dak l-att, imma unikament fuq il-pretensjoni li l-atti tal-istruttorja huma nulli għax fiż-żmien tal-fatti l-akkużat kien dekadut mill-patrija potestà, u kwindi d-delitt dedott fih kontra tiegħu kien persegwibbli fuq kwerela tal-parti leża, u mhux mill-Pulizija "ex officio", il-Qorti, biex tiddeċidi jekk l-eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża għandhiex tiġi rimessa għad-deċiżjoni tal-Qorti Kolleġjali, għandha testendi l-indaġini tagħha biex teżamina, fid-dawl tal-atti tal-kawża sa dak l-istadju, jekk il-kwistjoni sollevata mill-akkużat tirriduċix ruħha fir-realtà għal kwistjoni ta' punti ta' fatt ta' attribuzzjoni tal-ġurati; għax fil-każ li jkun hekk, l-eċċezzjoni tal-akkużat ma tkunx realment u ġuridikament waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża mħabba f'nullità tal-atti tal-istruttorja, li għad-deċiżjoni tagħha hija kompetenti l-Qorti Kolleġjali. Dik l-eċċezzjoni tkun sempliċement enunċjazzjoni ta' kwistjoni riżervata bil-liġi għad-deċiżjoni tal-ġurati fl-effetti ġuridiċi li joħorġu mid-deċiżjoni tagħhom bil-verdett.*

*Ladarba l-akkużat ikun poġġa bħala perm tal-kwistjoni kollha l-allegata dekadenza mill-patrija potestà tiegħu fiż-żmien tal-fatti dedotti fl-att tal-akkuża, għax naqas milli jipprokura kontra tiegħu nnifsu l-inskrizzjoni ipotekarja li ssemmi l-liġi u fiż-żmien li trid il-liġi, u ma ġiex reintegrat fil-patrija potestà, u din il-kwistjoni tissemma l-ewwel darba quddiem il-Qorti meta tingħata l-eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża, dik l-eċċezzjoni tirriduċi ruħha għall-enunċjazzjoni għall-ewwel darba fil-kawża tal-kwistjoni, li ma toħroġx mill-atti tal-istruzzjoni li fuqhom hu bażat l-att tal-akkuża, jekk kienx hemm l-allegata dekadenza mill-patrija potestà, riżervata b'liġi għad-deċiżjoni tal-ġurati, bl-effetti ġuridiċi li joħorġu mill-aċċertament tal-fatti. Il-kwistjoni timporta deċiżjoni ta' punti ta' fatt, kompriż dak allegat fl-att tal-akkuża, li l-akkużat abbuża mis-setgħa ta' missier; liema punti ta' fatti ma jiffigurawx fl-atti tal-istruttorja; u d-deċiżjoni tagħhom hija esklużivament imħollija b'liġi lill-ġurati, taħt id-direzzjoni li huma jirċievu mill-Qorti fuq il-liġi.*

*Sussidjarjament, anki kieku jkunu veri ċ-ċirkustanzi enunċjati mill-akkużat fl-eċċezzjoni tiegħu, sal-mument tal-għoti ta' dik l-eċċezzjoni tirrikorri u tiġi l-preżunzjoni stabbilita mill-liġi li l-kwerela titqies li saret skond il-liġi, ladarba matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma talabx, u l-Qorti ma ordnatx "ex officio", il-prova tal-kwerela. Jiġifieri illi,*

*anki kieku kellu jirriżulta li d-delitt kien prosegwibbli bil-kwerela tal-parti, xorta waħda l-atti tal-istruttorja jibqgħu validi, u validu jibqa' l-att tal-akkuża bażat fuqhom. U l-allegazzjoni li hemm fl-att tal-akkuża li d-delitt sar b'abbuż tal-patrija potestà ta' missier — liema ċirkustanza mhix element kostituttiv tad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni — tibqa' dejjem ċirkustanza ta' fatt imħollija f'idejn il-ġurati skond ir-riżultanzi tal-provi.*

*Għalduqstant, l-eċċezzjoni ta' l-akkużat f'dawn il-kontinġenzi ma tammontax għal waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża; u l-kawża tgħaddi quddiem l-Imħallef ordinarju għall-istadji ulterjuri tagħha.*

Il-Qorti; — Rat in-nota tal-akkużat, li biha eċċepixxa preliminarment hekk:— "In-nullità tal-att tal-akkuża, in kwantokkè bażat fuq l-attijiet ta' istruttorja nulli, peress illi l-azzjoni ma setgħetx titmexxa "ex officio", għaliex f'dan il-każ l-akkużat tilef "ipso jure" il-patrija potestà minħabba li ma għamelx l-inskrizzjoni ipotekarja preskritta mill-liġi fiż-żmien tal-liġi, u ma talabx mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili r-reintegrazzjoni fid-drittijiet tal-patrija potestà li tilef; u għalhekk ma jistax jingħad illi l-att allegat sar b'abbuż tal-patrija potestà, li ma kienetx teżisti";

Rat in-nota tal-Attorney General, li biha oppona l-eċċezzjoni bħala infondata;

Rat l-att tal-akkuża nru. 9254, li bih l-imsemmi Ganni Caruana huwa akkużat, fl-ewwel kap, li b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, b'dan illi d-delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqetx it-tnax il-sena, u sar minn axxendent mid-demm tal-persuna mħassra u b'abbuż tas-setgħa ta' missier; u fit-tieni kap, li b'għemil żieni kkorrompa persuna ta' taħt l-età, b'dan illi d-delitt sar minn axxendent mid-demm tal-persuna mħassra u b'abbuż tas-setgħa ta' missier;

Ikkunsidrat;

Illi ġie stabbilit, fil-kawża "Reġina vs. Paolo Cutajar" (Vol. Decr. 1857, p. 180-183), "che la quistione se una eccezione di nullità dell'atto d'accusa sia realmente una eccezione di nullità dell'atto di accusa, non è un'eccezione di nullità dell'atto d'accusa, ma una quistione diversa, benchè anche preliminare; che l'eccezione di nullità dell'atto d'accusa consiste nella allegazione per parte dell'accusato di un difetto nell'atto d'accusa; per cui, quando constasse della sua realtà ed esistenza, l'atto d'accusa dovrebbe essere ritenuto e dichiarato per nullo, senza che l'Avvocato della Corona o la Corte 'ex officio' abbiano promosso o suscitato alcun dubbio o quistione su questo effetto giuridico di questa realtà od esistenza del difetto che si è allegato"; u, inoltre, "che non è sufficiente, per poter l'eccezione preliminare essere ritenuta come un caso in cui la Corte deve essere composta di tre Guidici, la sola e nuda qualificazione o denominazione, per parte dell'accusato, che tale eccezione sia un'eccezione di nullità dell'atto d'accusa, ma è necessario, perchè la Corte composta di un sol Giudice possa astenersi dal prendere cognizione di un difetto che si allega contro un atto d'accusa e rimettere la decisione alla Corte composta di tre Giudici, che sia soddisfatta e persuasa che il difetto allegato importi realmente, almeno 'prima facie', una eccezione di nullità dell'atto di accusa; od in altri termini, è necessario che consti soddisfacentemente prima di detta remissione che, supposta la realtà ad esistenza del difetto, debba avere luogo la dichiarazione di nullità dell'atto d'accusa, e non semplicemente la rettificazione dell'atto d'accusa od altri rimedi; che nel presente stadio della procedura non è di attribuzione della Corte, come è composta, la cognizione e decisione della eccezione allegata per parte dell'accusato e della quistione promossa sulla stessa per parte dell'Avvocato della Corona, ma della Corte composta di un sol Giudice, a cui solamente incombe conoscere e decidere in via preliminare se la detta eccezione, quantunque denominata e qualificata per parte dell' accusato come una eccezione di nullità dell'atto d'accusa, sia realmente tale";

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat qiegħed jibbaża l-allegata nullità tal-att tal-akkuża mhux fuq xi difett kif inhu konċepit u redatt l-att tal-akkuża, imma unikament fuq il-pretensjoni li l-atti tal-istruttorja huma nulli, billi, huwa jallega, l-akkużat, fiż-żmien tal-fatt, kien dekadut mill-patrija potestà, u b'hekk id-delitti dedotti kontra tiegħu fl-att tal-akkuża kienu persegwibbli fuq kwerela tal-parti leża, u mhux mill-Pulizija "ex officio";

Illi, darba illi hija attribuzzjoni ta' din il-Qorti b'Imħallef wieħed li tindaga u tiddeċidi, għall-finijiet tar-remissjoni tal-kawża quddiem il-Qorti Kolleġjali, jekk eċċezzjoni preliminari kwalifikata mill-akkużat bħala waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża hijiex verament hekk, hija fehma ta' din il-Qorti li fil-każ preżenti l-indaġini tagħha għandha testendi ruħha biex teżamina, fid-dawl tal-atti tal-kawża sa dan l-istadju, jekk il-kwistjoni sollevata mill-akkużat tirriduċix ruħha, fir-realtà, għal kwistjoni ta' punti ta' fatt ta' attribuzzjoni tal-ġurati; għax fil-każ li hu hekk, l-eċċezzjoni tal-akkużat ma tkunx realment u ġuridikament waħda ta' nullità tal-att tal-akkuża minħabba f'nullità tal-atti tal-istruttorja, li għad-deċiżjoni tagħha tkun kompetenti l-Qorti Kolleġjali. L-istess eċċezzjoni tkun, allura, sempliċi enunċjazzjoni ta' kwistjoni riżervata bil-liġi għad-deċiżjoni tal-ġurati, li joħorġu bid-deċiżjoni tagħhom bil-verdett. Fil-kawża "Rex. vs. Sac. Carmelo Vella" (Vol. Decr. 1907, p. 164 u 166), ġie deċiż illi l-kwistjoni dwar l-estinzjoni tal-azzjoni kriminali, sollevata mill-akkużat bħala eċċezzjoni preliminari taħt l-art. 461(1)(c) — allura 448(3) — tal-Kodiċi Kriminali, meta tkun motivata fuq ir-remissjoni tal-parti leża, hija, bħala punt ta' fatt, ta' attribuzzjoni tal-ġurati;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-każ, l-akkużat poġġa bħala pern tal-kwist-

joni kollha l-allegata dekadenza tiegħu, fiż-żmien tal-fatti dedotti fl-att tal-akkuża, mill-patrija potestà, l-allegat nuqqas tiegħu milli jagħmel l-inskrizzjoni ipotekarja preskritta mill-liġi u fiż-żmien tal-liġi, u mingħajr ma ġie reintegrat b'dak is-setgħa. Kien f'dan ir-rifless illi l-akkużat qal fl-eċċezzjoni li "ma jistax jingħad illi l-att allegat sar b'abbuż ta' patrija potestà li ma kienetx teżisti". Tabilħaqq, però, din il-pretiża dekadenza ġiet imsemmija għall-ewwel darba quddiem din il-Qorti fl-istess eċċezzjoni tal-akkużat, u fin-nota tiegħu, a tenur tal-art. 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-akkużat eżibixxa ċertifikat mir-Reġistru Publiku u ieħor mir-Reġistru tas-Second'Awla tal-Qorti Ċivili, u ċertikat parrokkjali tal-mewt ta' martu, bħala parti mill-provi tiegħu. B'dan il-mod, l-eċċezzjoni tal-akkużat tirriduċi ruħha għall-enunċjazzjoni għall-ewwel darba fil-kawża tal-kwistjoni, "li ma toħroġx mill-atti tal-istruttorja li fuqhom hu bażat l-att tal-akkuża", jekk l-akkużat, fiż-żmien tad-delitt dedott fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dak l-att, kienx għamel jew le, u fiż-żmien tal-liġi, l-inskrizzjoni ipotekarja li hu qiegħed jallega li kien imissu għamel, u fil-każ li ma għamelx din l-inskrizzjoni, kienx ġie reintegrat fil-patrija potestà, għall-effetti ġuridiċi li joħorġu mill-aċċertament tal-fatti. Il-kwistjoni timporta deċiżjoni fuq punti ta' fatt, kompriż dak allegat fl-att tal-akkuża, li l-akkużat abbuża mis-setgħa ta' missier; liema punti ta' fatti ma jiffigurawx fl-atti tal-istruttorja li fuqhom hu bażat l-att tal-akkuża. Id-deċiżjoni fuq dawn il-punti hija esklużivament imħollija bil-liġi lill-ġurati, taħt direzzjoni li huma jirċievu mill-Qorti fuq il-liġi;

Illi, sussidjarjament għal dan, anki supposti veri ċ-ċirkustanzi enunċjati mill-akkużat fl-eċċezzjoni tiegħu, tirrikorri u tivviġi, almenu sa dan l-istadju tal-proċeduri, il-preżunzjoni stabbilita mill-liġi fl-art. 402(5) tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi illi, "jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx, u l-Qorti 'ex officio' ma tordnax, il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi". L-atti tal-istruttorja ma jirreġistraw ebda talba mill-akkużat u ebda ordni mill-Qorti għall-produzzjoni tal-kwerela. Fi kliem

ieħor, anki suppost aċċertat illi l-akkużat, fiż-żmien tal-allegati delitti, kien dekadut mill-patrija potestà, u suppost illi b'hekk id-delitti saru persegwibbli bil-kwerela tal-parti taħt l-art. 217(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali, xorta waħda l-atti tal-istruttorja (li però, kif diġà ntqal, ma jirreġistraw ebda ċirkustanza relativa għal dan l-effett) jibqgħu validi, u validu jibqa' l-att tal-akkuża bażat fuqhom; u l-allegazzjoni li hemm fl-att tal-akkuża li d-delitti saru b'abbuż tas-setgħa ta' missier — liema ċirkustanza mhix element kostitutiv tad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni — tibqa' dejjem ċirkustanza ta' fatt imħollija f'idejn il-ġurati skond ir-riżultanzi tal-provi;

Għalhekk;

Fil-waqt li tibqa' riżervata lill-akkużat is-sottomissjoni, fl-istadju ulterjuri tal-kawża skond il-liġi, ta' kull kwistjoni rilevanti għad-difiża tiegħu;

Tiddikjara u tiddeċidi, preliminarment, illi l-eċċezzjoni allegata mill-akkużat kontra l-att tal-akkuża, u fir-realtà taċ-ċirkustanzi premessi, ma tammontax ġuridikament għal eċċezzjoni ta' nullità tal-att tal-akkuża; u għalhekk tordna li l-kawża tgħaddi, quddiem il-Qorti kif presjeduta, għall-istadji ulterjuri tagħha.